MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1003/1989/2

**Raphael Micallef**

**Vs**

**Anthony Agius**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Ottubru 1989 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien inkariga lill-konvenut sabiex iqieghed u jistalla s-sistema tad-dranagg fi blokk ta' appartamenti li jisimhom "Ray Flats" f' Blondel Street Fgura, liema xoghol kien gie esegwit;

Premess illi issa rrizulta li l-konvenut esegwixxa hazin ix-xoghol relattiv ghat-tqeghid u installar tas-sistema tad-dranagg;

Premess illi minhabba li dan ix-xoghol gie esegwit hazin, l-attur sofra danni li ghalihom huwa responsabbli unikament il-konvenut;

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex jirrimedja x-xoghol hazin, il-konvenut baqa' inadempjenti ghaliex jikkontendi li huwa m' huwiex responsabbli;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol maghmul mill-konvenut konsistenti fil-komunikazzjoni u tqeghid tas-sistema tad-dranagg fil-blokk ta' appartamenti maghrufa "Ray Flats" fi Blondel Street, Fgura, ma sarx skond is-sengha u l-arti u li ghalhekk huwa responsabbli ghall-hsarat u ghad-danni sofferti mill-attur;

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur jekk ikun il-kaz bl-intervent ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Awissu 1989 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:-

1. Il-preskrizzjoni biennali a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta’ l-Artikolu 2156 (g)[1] tal-Kodici Civili;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ebda danni ma huma dovuti mill-eccipjenti billi x-xoghol esegwit minnu sar sewwa u skond l-arti u s-sengha;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat is-Sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-16 ta’ Ottubru 1991 fejn gie deciz illi t-talbiet attrici huma insostenibbli u ghalhekk gew michuda;

Rat ukoll is-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-12 ta’ Mejju 1997 li biha l-imsemmija sentenza giet dikjarata nulla u bla effett fil-ligi peress illi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ma gewx decizi fis-sentenza, u li permezz taghha l-atti gew rimessi lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili;

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, moghtija fl-1 ta’ Gunju 1999 li permezz taghha l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni biennali u kwinkwennali sollevati mill-konvenut gew michuda;

Rat id-decizjoni tas-6 ta’ Ottubru 2000 tal-Qorti ta’ l-Appell li kkonfermat is-sentenza preliminari ta’ l-1 ta’ Gunju 1999 u rrimettiet l-atti lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Novembru 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjaru Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

[1] Skond il-Verbal tat-28 ta’ Frar, 1990, il-konvenut talab korrezzjoni fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu fis-sens li l-Artikolu minnu citat bhala 2156(g) irid jinqara 2156(f).

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-azzjoni prezenti tikkonsisti f' wahda ghar-rizarciment ta' danni reklamati mill-attur- kommittent fil-konfront tal-konvenut-appaltatur. It-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu tar-responsabilita` kontrattwali minhabba inadempjenza, konkretizzata, f' dan il-kaz f' difetti riskontrati fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet maghmula mill-konvenut u konsistenti fi tqeghid tas-sistema tad-dranagg ghall-uzu ta' blokka bini fil-Fgura;

Skond id-duttrina u l-gurisprudenza prevalenti, il-kommittent li jrid jelimina d-difetti a spejjez ta' l-appaltatur tieghu ghandu qabel xejn jirrivolgi ruhu lil dan, u fl-event li dan jibqa' passiv jew ma jintlahaqx qbil, il-kommittent jista' jipprocedi direttament ghall-eliminazzjoni tad-difetti minghajr il-htiega ta' konferma gudizzjali ta' l-inadempiment u tal-konsegwenti kundanna ta' l-appaltatur ghall-attwazzjoni specifika;

Il-premess hsieb dottrinali jsib riskontru fl-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna applikabbli ghal kaz fejn wiehed jonqos li jadempixxi obbligazzjoni *di fare*. Adempiment li jippresupponi wkoll li l-obbligazzjoni giet sewwa ezegwita, anke ghaliex, kif saput, "l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi mplicita." (**Kollez. Vol. XL P I p 485**);

L-artikolu taht kumment jipprovdi in effetti illi "fil-kaz li ma tigix ezegwita obbligazzjoni li biha wiehed intrabat li jaghmel xi haga, il-kreditur jista' jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jezegwiha huwa nnifsu bi spejjez tad-debitur."

Korrettement interpretat, "il-kreditur ta' obbligazzjoni 'di fare' ma hux obbligat f' kaz ta' inadempjenza tad-debitur, li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jezegwixxi huwa stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur." (**Kollez. Vol. XXXIV P III p 809**);

Naturalment il-precitat dispost tal-ligi jrid jinqara unitament ma' l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16, li hu generali u komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni: "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni." Danni dawn li fil-kaz partikolari jridu jkunu fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti;

Hu proprju tali rimedju ezercitat mill-attur fl-odjerna kawza. Mhux dak ta' l-ezekuzzjoni in forma specifika tax-xoghlijiet rimedjali izda tar-rizarciment tad-danni, kif hekk koncess lilu mil-ligi. (Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 62**). Dan anke ghaliex, kif rizultanti mill-provi, nonostante is-sejha li saritlu biex jirrimedja (ara ittra datata 31 ta' Lulju 1989 a fol. 164), il-konvenut wiegeb li hu ma kienx responsabbli u allura dan baqa' inadempjenti u ma ezegwiex ix-xoghlijiet rimedjali mitluba (ara ittra responsiva tas-7 ta' Awissu 1989 a fol. 163);

Premessi dawn il-preliminari, il-fatti principali li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

(1) L-attur ikkommissjoni lill-konvenut jibnilu blokk ta' bini konsistenti f' zewg appartamenti u *maisonette* fil-pjan terren b' entratura separata. Terminat dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni ghall-ewwel l-attur affida x-xoghol ta' kisi, tikhil u tqeghid tal-katusi lil wiehed mill-impjegati tal-konvenut izda meta dan ittraskura x-xoghol, l-attur ghadda biex ftiehem dwaru mal-konvenut (fol. 25). Il-konvenut jikkonferma li hu nghata wkoll dan l-appalt u jzid jghid li fl-ewwel fazi wassal il-katusi sal-bieb ta' barra u in segwitu, meta giet ifformata t-triq, aggunga s-sistema mal-*main* tal-Gvern (fol. 44). A fol. 168 jaghti spjegazzjoni

komprensiva tax-xoghlijiet konnessi mat-tqeghid ta’ dawn il- katusi;

(2) Xi zmien wara li x-xoghlijiet kienu kompletati u beda jsir zvilupp fil-plot fuq in-naha tax-xellug tal-blokk gie osservat oskular ta’ ilma li, kif stabbilit minn verifiki li saru minn ufficcjali tad-Dipartiment tas-Sanita, kien provenjenti mill-binja ta’ l-attur. Saret ukoll spezzjoni mill-Perit David Spiteri, inkarigat mill-attur, li rrilaxxja rapport dwar il-kostatazzjonijiet tieghu (fol. 140);

(3) Kif gja inghad, il-konvenut intalab jirrimedja izda meta dan baqa’ inattiv l-attur ghadda biex jinkariga terzi ha jezegwixxu x-xoghlijiet ta’ rimpjazzar tas-sistema tad-drenagg;

(4) Fid-deskrizzjoni provvduta mix-xhud Christian Holland (fol. 138), li ezegwixxa x-xoghlijiet rimedjali, jinghad li l-katusi kienu mqeghdin bla pendil, fil-maggoranza ma kienux imissu ma’ xulxin, neqsin mis-siment, u lanqas imqabbdin mas-*socket*. Dippju l-katusi kellhom kisja ta’ konkos fuq il-parti ta’ fuq biss;

(5) In-nefqa nkorsa biex nbiddlet is-sistema u gie rimpjazzat il-madum hi dettaljata fl-Affidavit ta’ l-attur (fol. 127) u supportata minn ricevuti esebiti minn fol. 129 sa fol. 137. Maghduda flimkien, l-ispejjez jittotalizzaw is-somma ta’ seba’ mija u seba’ liri, disgha u hamsin centezmu (Lm707.59,0);

Fil-konfront tar-responsabilita addebitata lilu, il-konvenut jiddefendi ruhu b’ dan il-mod:-

(1) Il-perit inkarigat mix-xoghlijiet qatt ma lmenta mieghu dwar l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet effettwati minnu;

(2) Wara li kien lesta x-xoghlijiet hu jghid li lmenta ma’ l-attur dwar il-fatt tal-hazna tal-madum fuq il-medda tal-katusi;

(3) Inoltre, jistqarr ukoll li hu kien osserva li meta kien qed isir it-thaffir fil-plot adjacenti it-tqattiegh tal-blat twassal ezatt sal-linja divizorja tal-bini ta' l-attur u mhux sad-distanza legali. Dejjem skond kif dikjarat minnu hu basar li dan ix-xoghol ta' tqattiegh vicin il-medda tal-katusi kien ser jaghmlilhom hsara pero` baqa' ma gibedx l-attenzjoni ta' l-attur ghax irraguna li l-attur kien accetta li jhalli lill-gar iqatta' l-blat;

(4) Jghid ukoll illi l-attur naqas li javzah dwar il-vizzji fix-xoghol tieghu;

Jibda biex jinghad dwar il-punt tlieta (3) illi x' seta' osserva, basar jew irraguna l-konvenut ma jinsab sostenut minn imkien mir-rizultanzi processwali. Il-konvenut la harrek lill-gar, la lill-kuntratturi li hadmulu, la lill-impjegati tieghu stess u wisq anqas ikkontroezamina lill-attur dwar dan il-punt u l-mod tat-tqattigh tal-blat fil-fond vicin. Hekk ukoll naqas li jikkontroezamina lill-perit imqabbad mill-attur jew lit-terz li hadimlu x-xoghlijiet rimedjali. Din il-Qorti ma tistax toqghod la fuq kongetturi u lanqas fuq meri supposizzjonijiet izda fuq fatti konkreti rizultanti mill-atti. Dippju jezisti dubbju jekk il-medda tal-katusi kienetx fuq in-naha tal-lemin jew fuq dik tax-xellug, adjacenti ghal plot fejn sar it-thaffir u tqattigh tal-blat. Ara xhieda in kontro-ezami ta' l-attur (fol. 157) u l-Affidavit tal-konvenut innifsu (fol. 151) kontrastati sa certu punt minn dik tal-konvenut innifsu fil-kors tal-kontro-ezami (fol. 167);

F' dawn ic-cirkostanzi d-difiza tal-konvenut hekk bazata fuq dan il-punt ma tirrizulta bl-ebda mod sostanzjata;

Kwantu ghar-raba' punt dan gja gie kummentat aktar il-fuq u mhux il-lok li jergghu jsiru repliki dwaru. L-ittri esebiti a fol. 163 u 164 huma xhieda rafforzanti bizzejjed biex ixxejjen ghal kollox din id-difiza;

Fir-rigward tal-punt numru tnejn (2) ma jirrizultax, anke fl-assenza tal-perizja teknika, illi l-vizzji fix-xoghlijiet jistghu

jigu attribwiti ghal fatt tal-hazna tal-madum fuq il-katusi. Anke ghal min hu teknikament profan, il-verifiki u l-kostatazzjonijiet li saru mill-persuna addetta mix-xoghlijiet rimedjali, u mill-accertamenti ta' l-Arkitett David Spiteri, huma indikattivi li r-raguni vera kienet il-mankanza da parte tal-konvenut li japplika konkrit sufficcjenti biex jipprotegi l-katusi li, wkoll, ma kienux aggancjati sew wahda ma' l-ohra. Dan apparti wkoll il-kostatazzjoni illi "*the pipes were not laid to the correct falls*" tant li "*when tested with fresh water it was observed that half the volume of water remained in the pipes, which should not be the case.*" (Ara rapport ta' l-imsemmi arkitett a fol. 141). Anke allura din id-difiza tal-konvenut ma tidherx, fil-kumpless, li hi wahda serja u li timmerita konsiderazzjoni xierqa jew akkoljiment;

Riferibilment ghall-ewwel punt, li jista' jitqies l-aktar wiehed ta' sostanza, ma jidherx, skond gurisprudenza ben affermata u stabbilita, illi dan jista' jservi ta' soljiev ghad-difiza tal-konvenut biex tiskagonah mir-responsabilita:-

I. Ibda biex, u dan imprexxindibilment minn kwalsiasi kolpa, hu dmir ta' l-appaltatur, skond il-principji generali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, illi dan ghandu jassikura li x-xoghol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li l-quddiem juri difetti. B' obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha" (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Dan fis-sens li "*l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);

II. Dan stabbilit, "jekk hu jaghmel ix- xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jinkombi fuqu b' dover "*di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell' arte*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**). Jinsab fil-fatt dettat illi hu "m'ghandux japprofitta

ruhu minn negligenza ta’ l-arkitett u jitrasgredixxi d-dettami ta’ l-arti edilizja” (**Kollez. Vol. XLVI P III p 746**);

III. Gie deciz ukoll illi “l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol; u dan avvolja s-sorveljanza ta’ dan ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xoghol ikun il-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anke jekk il-perit jista’ talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. In effetti l-perit kolpevoli ta’ difett ta’ sorveljanza ghandu rigress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta’ lavorazzjoni.” (**Kollez. Vol. XXXVII P III p 883**);

Dan jikkombacja mal-hsieb anterjorment professat illi “*l’ impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l’ appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto*” (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);

Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f’dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta’ nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta’ l-arti, jintebah bihom. Dan indipendentement minn sorveljar inadegwat jew approvazzjoni tax-xoghlijiet da parte ta’ persuna kwalifikata. Anke allura f’ dan il-kaz, konsiderati l-aspetti kollha rilevanti u relattivi, lanqas din id-difiza ma tista’ tiggjova lill-konvenut li jibqa’ allura responsabbli ghar-rizarciment tad-danni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel domanda ta’ l-attur u b’ hekk tiddikjara li x-xoghol ezegwit mill-konvenut fit-tqeghid tas-sistema tad-dranagg fil-blokk bl-isem “Ray

Flats”, Blondel Street, Fgura ma sarx skond l-arti u s-sengha, b’ dannu ghall-attur;

Tilqa’ t-tieni domanda u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ seba’ mija u seba’ liri Maltin, disgha u hamsin centezmu (Lm707.59,0);

Konsegwentement tilqa’ wkoll it-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq likwidata in linea ta’ danni;

L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------